# F'Għeluq il-50 Sena mill-Mewt ta' Mons. Carmelo Sciberras

*kitba ta'* ***Ivan SCERRI***



Dun Karm Sciberras twieled il-Mosta, fis-27 ta' Novembru 1893, iben Franġisku u Grazzja née Azzopardi. L-ewwel edukazzjoni tiegħu ħadha fl-iskola elementari tal-Mosta, fejn wara kompla l-istudji sekondarji tiegħu għand is-Sależjani.

Beda l-istudji tiegħu tal-Filosofija u tat-Teoloġija fis-Seminarju Qalb ta' Ġesù f'Għawdex, fejn wara ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Mejju 1921, fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta mill-Isqof Angelo Portelli O.P. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħal viċi-parroku fil-Parroċċa tal-Mosta.

Fl-1922, Dun Karm ħa f'idejh it-tmexxija ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, tas-subien. Kien bil-ħidma tiegħu li fil-11 ta' Novembru 1928, ta l-bidu għall-bini ta' l-Oratorju ġdid, li kien jinkludi kappella, sala teatrali, grawnd u għadd ta' kmamar għat-tagħlim tad-duttrina. Ix-xogħol kien f'idejn il-Perit Nettu Mifsud Ellul, u l-Imgħallem Mosti Mastru Salvu Zahra. Dan l-Oratorju ħa 12-il sena biex inbena, u ġie nawgurat fit-8 ta' Ġunju 1940 mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB.

Fid-9 ta' Frar 1930, l-Arċisqof Caruana ħatru bħala Vigarju Kurat tal-Parroċċa tal-Mosta, wara li l-Arċipriet Dun Pawl Mallia ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral. Dun Karm għamilha wkoll ta' Vigarju Kurat fil-parroċċi ta' Ħal Għargħur, tan-Naxxar u ta' Ħ'Attard.

Fl-1942, wara l-mewt ta' l-Arċipriet Mosti, Dun Girgor Borg, il-parroċċa tal-Mosta sfat mingħajr mexxej spiritwali, u għal darb'oħra, l-Arċisqof Caruana ħatru bħal Vigarju Kurat, sakemm jinħatar Arċipriet ġdid. Kienu żminijiet koroħ tal-gwerra meta l-parroċċa tagħna kienet, bħal kull belt u raħal ieħor, għaddejja minn baħar ta' problemi. Ix-xorti ħażina tal-gwerra messet ukoll lil Dun Karm Sciberras, meta f'Awwissu tal-1942, waqt li kien fid-dar tal-familja tiegħu, bomba żgħira waqgħet fil-ġnien. Aċċidentalment Dun Karm ġarrab ġrieħi gravi, fejn ittieħed fl-isptar għal xi jiem għall-kura.

Lura fil-parroċċa, Dun Karm kompla x-xogħol pastorali tiegħu, bħal saċerdot twajjeb għal kulħadd. Wara konkors għall-ħatra ta' l-Arċipriet il-ġdid, l-Arċisqof Caruana ħatru bħala t-23 ragħaj tal-parroċċa tal-Mosta. Ħa l-pusses fil-25 ta' Jannar 1943, nhar il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, meta l-parroċċa kienet għaddejja minn żminijiet diffiċli li kienet ġabet magħha l-gwerra.

Tul il-parrokat ta' l-Arċipriet Dun Karm Sciberras, insibu diversi okkażjonijiet marbuta mall-ħajja tal-parroċċa tagħna. Per eżempju: a) meta fit-22 ta' Settembru 1946, ġewwa r-Rotunda tal-Mosta, saret il-petizzjoni nazzjonali lill-Papa Piju XII, sabiex jiddefinixxi bħal domma ta' fidi t-tlugħ fis-sema tal-Madonna bir-ruħ u bil-ġisem; b) f'Ottubru tal-1946, meta l-parroċċa kienet qegħda tiċċelebra għeluq il-75 sena mill-konsagrazzjoni tar-Rotunda u l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien ikkonsagra l-artali ta' San Bastjan u tal-Madonna taċ-Ċintura; c) ġrajja oħra kienet meta fit-8 ta' Awwissu 1948, ġiet inawgurata l-istatwa titolari l-ġdida ta' Santa Marija, xogħol l-iskultur Belti Ċensu Apap, wara li kienet ittieħdet deċiżjoni li l-istatwa l-qadima tal-Mosti, Salvu Dimech, tinbidel f'oħra ġdida.



*Mons. Carmelo Sciberras (lemin) ma' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi waqt manifestazzjoni mill-Boy Scouts tal-Mosta fuq iz-zuntier tar-Rotunda.*

Wara kważi 7 snin ta' ħidma pastorali fost il-poplu Mosti, l-aktar ma' dawk fil-bżonn, Dun Karm irriżenja

minn Arċipriet tal-Mosta fil-11 ta' Novembru 1948, wara marda kiefra li ħakmitu u li ġabitlu saħħtu fix-xejn. B'rikonoxxenza għax-xogħol siewi li wettaq matul il-ħidma saċerdotali tiegħu, l-Arċisqof Gonzi ħatru Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Malta.

Monsinjur Carmelo Sciberras miet mas-sebħ fit-23 ta' Mejju 1950, fl-età ta' 57 sena u jinsab midfun fil-kannierja tar-Rotunda tal-Mosta. B'tifkira tiegħu waħda mit-toroq tal-Mosta hija msemmija għalih, kif ukoll hemm kwadru tal-pittura fis-sagristija tal-lemin, imma fuq kollox żgur li l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, li tiegħu kien il-fundatur u Direttur, jibqa' għal dejjem bħala Monument ħaj tal-ħidma ta' dan is-saċerdot Mosti. U konferma ta' dan, fl-1 ta' Jannar 2000 u quddiem għadd ta' qraba ta' Mons. Sciberras, is-Sindku tal-Mosta - is-sur Joe DeMartino, flimkien mad-Direttur attwali - Dun Anġ Camilleri, nawguraw l-'istatwa tal-millennju' b'tifkira tal-50 sena mill-mewt ta' Mons. Carmelo Sciberras.

**Referenza:**

*Storja tal-Mosta ta' E.B. Vella u Oħrajn (1972): Mons. Dun Karm Sciberras, minn Carmelo Schembri, p. 296-302.*



DAKAR GARAGE

Joseph Zarb

**Automechanic**

Specialized on Peugeot Repair

Peugeot Parts for sale

New Street in Fort Road, Mosta.

**Tel: 412116 - Mobile: 097 2965**

THE VILLAGE CONFECTIONERY

*Prop. George Micallef*

Accept Orders for:

Weddings, Engagements, Parties, etc...

**Il-Festa t-Tajba lill-Mostin kollha**

***69, Eucharistic Congress Road, Mosta – Tel: 413397***

Butcher Shop



**J. & J. Borg (Ċovann)**

**144, Main Street, Mosta – Tel: 437008**